**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 46/K7/2016 |
| Data: | Il-Gimgha, 1 ta' Lulju 2016 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fil-17:30 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Matthew Agius<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sjra Karen Camilleri |
| Skużati : | | Charles Selvaggi talab li jkun skuzat minhabba li kien imsiefer.<br>Dr Alex Sciberras talab li jkun skuzat minhabba li kien imsiefer<br>Matthew Mangion – Chairman KAS |

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Skeda ta' Hlasijiet
4. Restizzjoni Finanzjarja mid-DLG
5. Festa San Guzepp – Post Mortem
6. Affarijiet ohra
7. Aġġornament

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | **Approvazzjoni tal-Minuti**<br><br>Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Nru 44<br>Il-Minuti ġew approvati. | Approvazzjoni tal-Minuti |
| 2.<br><br>2077<br><br>2078 | **Punti Mqajjma mill-Minuti**<br><br>Is-Sindku nfurmat lill-membri li s-Sinjorina Orietta Cardona giet infurmata bid-decizjoni tad-Dipartiment, izda s-Sinjorina Cardona wiegbet lura li m'ghadhiex interessata li tokkkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali Msida. Ghaldaqstant, is-Sindku nfurmat li se tinhareg il-Call for Application for the Post of Executive Secretary for the Msida Local Council.<br>L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali se jappunta Agent Segretarju ghall-Kumitat Amministrattiv Swatar. Il-Kunsillier Matthew Agius ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministrusabiex tigi emendata l-Ligi u jiddahhal il-Kumitat Amministrattiv Swatar. | <br><br>2021 – Segretarju Ezekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| 2079 | Il-Kunsillier Manuel Brincat infurma lill-membri li se jerga' jaghmel pressjoni sabiex din il-pedestrian crossing issir fejn propost. | 2021 - Caqliq ta' Pedestrian Crossing |
| 2080 | Is-Sindku nfurmat li se jsir kuntatt mal-Kumpanija sabiex jigi scheduled il-Kors. | 2022 – First Aid Course |
| 2081 | Dwar ir-Rampi fi Triq it-Tabib Naudi, l-Kunsillier Manuel Brincat infurma li ghadu qed jistenna minghand il-Perit tal-Kunsill. | 2023 – Rampi fi Triq it-Tabib Naudi |
| 2082 | Is-Sindku nfurmat li se jintalab meeting mal-Kappillan dwar l-uzu tal-parkegg tal-Knisja. | 2025 - Użu tal-parkeġġ tal-Knisja |
| 2083 | Il-Kunsillier Lino Bartolo gibed l-attenzjoni tal-membri, li n-nies li qed jattendu l-kors P5+ hallew mintna shiha fil-Computer Room. Barra minhekk hammgu l-faccata bis-saqajn. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kumpanija giet infurmata b'dawn in-nuqqasijiet. | 2029 - Organizzar ta' Korsijiet mill-Kumpanija P5+ |
| 2084 | Il-Kunsillier Maurice Agius dahal ghal-laqgha 18:20 | |
| 2085 | L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri bid-Direzzjoni moghtija mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-permessi tal-gabbani li jithallsu u ma jintramawx. Id-Dipartiment infurma lura li l-ligi ma tistipula xejn f'dan ir-rigward, ghaldaqstant la darba l-permess jithallas, il-Kunsill ma jistax jiehu l-area lura ghax ma tintramax il-gabbana. | 2057 – Gbir ta' Permessi u nuqqas ta' armar tal-Gabbani. |
| 2086 | Il-Kunsillier Matthew Agius issuggerixxa li nergghu niktbu (ssir rakkommandazzjoni) lill-Ministru u lil Transport Malta dwar it-talba pendenti sabiex tigi ntrodotta r-Residents' Parking Scheme fl-Imsida. | 2042 – Residents' Parking Scheme fl-Imsida |
| | Il-Kunsillier Manuel Brincat nfurma lill-membri li hu flimkien mal- | 2069 – Nuqqas ta' Knis |

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2087<br><br>2088 | Contracts' Manager Joe Demarco ltaqa' mal-Kuntrattur tal-Knis dwar in-nuqqasijiet fis-servizz. Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni li darb'ohra jkun infurmat b'tali laqgha, bhala l-Kunsillier responsabbli. Is- Sindku qalet li l- Kunsillier responssabli ghalkemm ghandu jnkun jaf biss ghandu jiehu l-inizjattiva biex jaghmel il-meeting hu. Il-Kunsillier Matthew Agius qal li l-Contracts' Manager ghandu jigi nfurmat b'dan li meta jkun hemm dawn it-tip ta' laqghat, il-kunsillier responsabbli jigi notifikat. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-membri li l-Kuntrattur ma kienx infurmat li Rue d'Argens tinkines minn zewg kenniesa differenti. Barra minhekk, saret pjanta bil-kuluri li torbot il-kennies mal-kulur. Il-Kunsillier Maurice Agius qal li l-Kuntrattur kien diga gie nfurmat b'dawn in-nuqqasijiet u seta' jidentifika l-problema ferm qabel.<br><br>Il-Kunsillier Romina Galea infurmat li t-toroq arterjali mhux jitnaddfu, ghaldaqstant ninfurmaw lid-Direttorat tat-Tindif b'dan in-nuqqas. Barra minhekk ingibdet l-attenzjoni li l-haddiema tal-istess Direttorat gew inaddfu l-isweeper fi Triq il-Wied izda x-xoghol ma setax isir sewwa. Dan japplika wkoll ghal Xatt Ta' Xbiex.<br><br>Is-Sindku ssuggeriet li jsir meeting mas-sid sabiex jintlahaq ftehim. | fit-toroq tal-lokalita'<br><br>Tindif f'toroq arterjali<br><br>2074 – Xoghlijiet fuq sit privat f'TowerGate ma Triq Tal-Qroqq |
| **3**<br><br>2089<br><br>2090 | **Jum l-Imsida**<br><br>Is-Sindku nfurmat li gie ffinalizzat il-Programm ta' attivitajiet relatati ma Jum l-Imsida.<br><br>Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri, li f' Jum l- Imsida jigifieri l- Gimgha 8 ta' Lulju, kulhadd ghandu jkun il-Kunsill fis-6.00p.m. sabiex flimkien jattendu ghall-Parata tal-Iscouts u wara l-Quddiesa ta' Ringrazzjament. | Programm ta' Attivitajiet<br><br>Parata u Quddiesa ta' Radd il-Hajr |

| | | |
|---|---|---|
| 2091<br><br><br><br>2092<br><br><br><br><br><br><br><br>2093<br><br><br><br><br><br>2094 | Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li l-Kunsill Lokali rcieva Nomina wahda biss. Infetah l-envelopp u nstab li giet innominata d-Ditta Busy Bee. Il-Kunsillier Lino Bartolo qara l-mottiv tan-nomina.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius gibed l-attenzjoni li kien infurmat li kienet tressqet nomina ohra li tpoggiet fil-Letterbox tal-Kunsill. Giet iccekjata l-Letterbox u nstab li kien hemm envelopp b'nomina, miftuha u mhux issigillata f'envelopp. Is-Sindku fissret li ghalkemm dan kien nuqqas tal-impjegati li ma ccekjawx il-letterbox, lanqas hu etikament korrett li tintefa ittra ta' nomina bla envelope fil-letterbox, izda minkejja dan kollu, l-Kunsill kellu jaccetta li jevalwa n-nomina.<br><br>Gie deciz li z-zewg nomini jitressqu ghall-attenzjoni tal-Bord Mertu Msida. Il-Kunsill qabelli jigu nnotifikati b'mod immedjat il-membri tal-Bord, permezz ta' email u ghandhom jinghataw data u hin bid-decizjoni taghhom. Il-Kunsilliera se jigu nnotifikati bid-decizjoni u min ma jibghatx risposta jfisser li qed jaqbel mad-decizjoni tal-Bord.<br><br>Barra minhekk saret diskussjoni li jizdiedu dawn il-kundizzjonijiet;<br>Kull nomina ghandha tasal fl-ufficcji tal-Kunsill Lokali f'envelopp issigillat u titpogga f'kaxxa apposta, sa mhux aktar tard mid-data tal-gheluq. | Mertu Msida - Nomini |
| **4.**<br><br>2095<br><br><br><br><br>2096 | **Korrispondenza**<br><br>Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ircieva talba sabiex jigi orgaizzat BBQ minn Equal Partners quddiem is-sede taghhom. Is-Sindku nfurmat li permess biex jintuza BBQ mhux awtorizzat, izda bhala attivita' tista' ssir basta jkollhom l-ikel ippreparat lest. Il-Kunsill approva l-hrug ta' dan il-permess. | <br><br>Talba ghal BBQ Equal Partners<br><br><br><br>Stedina lill-Membri tal- |

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel:  2133 4343   Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2097 | Is-Sindku nfurmat li l-membri tal-Kunsill li gew mistiedna ghal bibita fl-okkazjoni tal-Festa, mill-Kumitat tal-PN Club Imsida. | Kunsill |
| 2098 | Il-Kunsillier Maurice Agius nfurma lill-membri li ntbaghtet ittra lil residenta fi Triq Ayers, mis-Sur Joe Demarco u din cemplet il-Kunsill Lokali tghajjar lil Maurice Agius ghax allegat li kien hu li baghat l-ittra. Barra minhekk din l-ittra giet impustata by hand fil-letterbox tar-residenza privata tal-Kunsillier Maurice Agius u tat daqqa ta' ponn fuq il-letterbox u kissritha. Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li ghamel rapport u gie pprezentat CCTV footage, fl-Ghassa tal-Pulizija li min-naha taghhom kellmu lir-residenta in kwistjoni. | Vandalizmu mal-propjeta tal-Kunsillier Maurice Agius |
| 2099 | Il-Kunsillier Matthew Agius issuggerixxa li tintbaghat ittra lill-Pulizija fejn ninfurawhom li ghandna Kunsillier li saritlu hsara mal-propjeta tieghu minhabba l-hidma tieghu fil-Kunsill. Is-Sindku ssekondat din l-inizzjattiva. | |
| 3000 | Is-Sindku nfurmat li qed ikun hemm bosta ghaqdiet li qed johorgu materjal promozzjonali dwar attivitajiet fil-lokalita', qabel ma japplikaw ghall-permessi mehtiega. Ghaldaqstant gie maqbul li titbaghat ittra nformattiva lill-ghaqdiet kollha dwar x'ghandu jsir sabiex japplikaw ghall-permessi mehtiega sabiex jigu organizzati attivitajiet fil-berah. | Attivitajiet mill-Ghaqdiet/Clubs u n-nuqqas ta' applikazzjoni ghall-Permessi mehtiega. |
| 3001 | Il-Kunsillier Romina Galea gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn tittiehed azzjoni dwar Cafe de Giuseppe. | |
| 3002 | Il-Kunsillier Lino Bartolo gibed l-attenzjoni li l-ghaqdiet/clubs m'ghandhomx jinghataw awtorizzazzjoni sabiex jorganizzaw attivitajiet privati matul il-gimgha tal-festa. | |
| **5.** | **Aġġornament** | |

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 3003 | Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 27 ta’ Lulju 2016, fil-5.30p.m. Il-laqgħa ntemmet fit-20: 25 | |

Minuti approvati llum ___________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Karen Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv